da li tixhed żmien qasir li jgħaddi u malajr jasal għal agonitu, igħibu mixxena atd-dinja, "iħallu biss warajhom mismerrija u disprezz", waqt li l-iġbla u l-għoljiet ta' Moab flimkien malpalazz-fortizza ta' Makeronte, mgħeżżeż sa jiġġarraf fuq Baħar il-Mejjet, jibqgħu bħala l-akbar monument-tifkira mgħolli minn Alla għall-ġieħ u l-glorja li ma tinemmx ta' l-antik u rebbieħ "dorbies ragħadi fuq l-għoljiet ta' Ġuda" li ħalla d-dinja, f'siegħa lim a tintesa qatt, fuq l-iġbla ta' Moab.

Fuq dawn l-iġbla, fuq dawn l-għoljiet maħruqin mix-xemx tiżreġ, u l-ħerba tal-palazz-fortizza ta' Makeronte, sodda u artal tal-Profeta, fuq plier għoli ħafna u ħafna, hemm kitba taddeheb li ma titħassar qatt, u li tgħid, "FOST L-IMWELDIN MIN-NISA MA HEMM ĦADD AKBAR MINN ĠWANNI L-GĦAMMIEDI!"

P. A. CFERRA, O.F.M.

# BETANJA U S-SANTWARJI TAGĦHA

## IX

Xi żewġ mili l-bogħod minn Ġerusalem (Ġw. 11, 18) sewwa sew fuq in-naħa lvantija tal-Għolja taż-Żebbuġ (Mk. 11, 1), tinsab il-belt ta' Betanja, li, skond it-*Talmud*, tfisser *Dar it-tamar*. Hija belt qadima ħafna, għax diġa tissemma fil-kitba tal-Profeta Nehemija (II Esdra, XI, 32), taħt l-isem ta' Ananija, li ġiet imgħammra mil-Lhud hekk kif reġgħu lura mill-eżilju. Illum tissejjaħ *El-Azariye*, isem imħassar ta' *Lazarium*, li ġie lilha mogħti mil-Lhud ikkonvertiti għad-din ta' Kristu fis-seklu IV meta dawn bnew il-ftit djar ma' dwar il-qabar ta' Lazzru li kellhom jagħtu bidu għal din il-belt li ġiet imġarrfa għal kollox fil-gwerer ta' Vespasjanu u Titu.

Tabilfors li din il-belt kellha xi seħer għal dawk li kienu jkunu qegħdin jivvjaġġaw bejn Ġeriku u Ġerusalem f'dawk iż-żmenijiet imbiegħda li fihom għex Kristu. Għax milli naqraw kienet għalihom il-belt talmistrieħ wara vjaġġ twil. Tabilħaqq it-triq kienet twila, xi għoxrin mil; ma' tulha ma kont tiltaqa' ma' xejn ħlief mal-lukanda "khan" tas-Samaritan; kienet triq skabruża u stramana, b'dislivell ta' xi 1,000 metru, u biex timxiha kienet tgħajjik fiżikament u moralment, għax ma kontx tistenna ħlief li xi ħadd jaqbeż fuqek u jħallik, wara li jisirqek, minxur ma' l-art, imgħarrar f'demmek, kif naqraw li ġara lil dak l-imsejken talparabola tas-Samaritan (Luk. X, 30-38). Għalhekk kif il-vjaġġatur kien jilmaħ quddiem għajnejh l-ewwel friegħi tas-siġar tat-tamar u l-ewwel bjut tad-djar ta' Betanja kien jieħu r-ruħ u minn qiegħ qalbu kienet toħroġ bħala tnehida ta' tiżżija ta' ħajr 'l Alla għax taħ li jtemm bis-sliema l-vjaġġ tiegħu.

Mill-qari tal-Vanġelu Mqaddes wieħed malajr jintebaħ li Ġesù kien iħobb jimxiha din it-triq, u ta' spiss kien jieqaf jistrieħ fil-belt ta' Betanja kull meta kien ikollu mill-Galilea jinżel għal Ġudea. Hemm kien isib id-dar, kennija u ħabiba, ta' Lazzru u ħutu, Marta u Marija. Kien f'din

id-dar ta' Betanja li twettqu xi ġrajjiet magħrufa tal-Vanġelu.

Kien hawn li Ġesù tenna dik il-verità sublimi, li jitħabat kemm jitħabat il-bniedem, għal xejn ma jiswielu dan it-taħbit jekk ma jkunx għamlu bl-għan tas-salvazzjoni ta' ruħu, għax ħaġa waħda hija meħtieġa, u Marija, li kienet inxteħtet f'riġlejn Ġesù biex minn fommu tisma' t-tagħlim tas-Saltna t'Alla, kienet għażlet l-aħjar ħaġa li ma tiġix lilha misruqa (Luk. X, 38-42).

Kien f'din il-belt fid-dar ta' Xmuni l-imġiddem li Ġesù ddefenda l-imġieba ta' Marija l-midinba, li kienet daħlet fid-dar u hemm, wara linxteħtet għar-rkubbtejha, ħaslet bi dmugħha riġlejh, ixxuttathomlu b'xuxitha u wara dilkithomlu bl-ungwent prezzjuż li kienet ġabet magħha. Għax lil dak li l-aktar iħobb, jiġu maħfura l-akbar numru ta' dnubiet (Luk. VIII, 36-50). Kien minn din il-belt li Ġesù bagħat lid-dixxipli tiegħu jfittxu l-felu ta' ħmar biex fuqu jirkeb u jidħol rebbieħ f'Ġerusalem (Mk. XI, 1-10).

* * *

Imma jum fost l-oħrajn f'din id-dar ħabiba li tant semgħet kliem ta' mħabba minn fomm Ġesù daħal isaltan l-imrar u n-niket. Lazzru, il-ħabib ta' Ġesù, inxteħet marid sewwa. Marta u Marija bagħtu jgħidu lil Ġesù: "Mulej, min tħobbu int, marid". S. Ġwann jgħidilna li kif Ġesù sema' b'dik l-aħbar, dar fuq id-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Ħa nerġgħu mmorru l-Lhudija; Lazzru, il-ħabib tagħna, rieqed; imma mmur inqajjmu". Wara ftit Ġesù tenna: "Lazzru miet, u nifraħ minħabba fikom li ma kontx hemm biex temmnu; imma ħa mmorru ħdejh" (Ġw. II, 1, 16).

Hekk kif resaq lejn il-belt ta' Betanja, Marta marret tiltaqa' miegħu, u bejniethom intiżeġ dak id-djalogu tal-għaġeb fuq il-qawmien u l-ħajja (ibid. II, 21-27). Imbagħad, wara li ġiet imsejħa Marija, baqgħu sejrin fejn kien jinsab midfun Lazzru. Hekk kif Ġesù sab ruħu quddiem il-qabar ta' Lazzru beka. Il-Lhud, li rawh jibki, qalu: "Ara kemm kien iħobbu". Imbagħad ġagħalhom ineħħu l-ħaġra, u, wara li talab 'l Alla Missieru, għajjat b'leħen qawwi: "Lazzru, ejja barra". U ħareġ il-mejjet b'riġlejh u jdejh marbuta bil-fsieqi u wiċċu mlefflef ġo maktur" (ibid. II, 36-44). Lazzru kien imqajjem mill-mewt.

* * *

Il-qabar ta' Lazzru għadu jeżisti sal-ġurnata tallum. Huwa magħmul minn żewġ kmamar, li trid tinżel għalihom b'24 tarġa, tant illum mitt-tiekla, li trid toqgħod b'seba' għajnejn kif tinżlhom. Dawn ġew imħaffra fl-1612 meta l-Kustodju tal-Art Imqaddsa ta' dak iż-żmien, ir-Rev.mu P. Anġlu minn Messina, ħallas somma kbira ta' flus biex jista' jħaffirhom fil-blat, biex l-insara jkunu jistgħu jżuru l-qabar ta' Lazzru u kultant iqaddsu wkoll xi quddiesa. Imma milli jidher fi żmien Ġesù l-qabar ta' Lazzru kien fil-beraħ. Meta mbagħad l-insara bdew jibnu ma' dwaru, il-qabar ġie mdawwar minn kullimkien, u hekk sab ruħu fil-qagħda li qiegħed illum.

Sa mill-ewwel żmenijiet il-qabar ta' Lazzru nżamm b'ġħożża kbira mill-insara. Diġà l-pellegrina Egeria titkellem fuq knisja mibnija fuq dan il-qabar fis-seklu IV. Fis-snin 1949-1953 P. Silvestru Saller, O.F.M. ħaffer ma' dwar il-qabar ta' Lazzru biex jara jsibx il-fdal ta' din il-knisja, u kellu x-xorti li jikxifha biex juri s-sbuħija tagħha. Fi ktieb

li stampa fl-1957 *Excavations at Bethany* huwa jgħid li l-paviment tagħha kien magħmul minn mużajċi tassew sbieħ u li l-ġebla li biha kienet mibnija kienet ta' lewn roża. Din il-knisja ġiet imġarrfa minn terremot kbir imma ġiet mill-ġdid mibnija fis-seklu V. F'xi żmien il-knisja u l-monasteru, li ġie mibni ma' ġenbha, għaddew f'idejn il-Kanoniċi tas-Santu Sepulkru, li fl-1138 għaddewha lir-Reġina Melisenda, mart it-tielet Re ta' Ġerusalem Folco d'Anjou (1134-1144) li, wara li sewwiethom u kabrithom, tathom lis-sorijiet benedittini, fejn oħtha Ivette kienet abbatissa.

Meta l-imperatur Saladin rebaħ u temm is-saltna latina ta' Ġerusalem, il-knisja u l-monasteru ġew abbandunati. Fisseklu XVI il-Mawmettani bidlu l-knisja f'Moskea, u hekk ġara li ħadd fost l-insara ma seta' jżur aktar il-qabar ta' Lazzru.

* * *

L-iskavi magħmula, kif għedna, fis-snin 1949-1953, mill-Kustodja tal-Art Imqaddsa, wasslu għall-bini tas-Santwarju tallum. Ix-xogħol inbeda fl-10 ta' Ġunju 1952, u, wara li fl-24 ta' Awissu ġiet imqegħda u mbierka l-ewwel ġebla, il-bini tagħha intemm f'Settembru 1953.

Il-pjanta tal-knisja ġiet magħmula mill-perit Antonju Barluzzi, li ħa ħsieb li jistudja sewwa l-art fejn kellu jibniha biex ma jħassarx l-ambjent storiku ta' fejn kien jinsab il-qabar ta' Lazzru. Barluzzi xtaq li jħalli mikxuf il-wied, illum niexef li qiegħed mhux wisq 'il bogħod mill-qabar ta' Lazzru. Il-knisja ġiet mibnija fuq il-fdal tal-knejjes l-oħra. Għandha korsija ċentrali kwadra, b'żewġ dirgħajn maħruġa fil-ġenb, u fuqhom koppla, li tagħmel kontrast sħiħ, imħabba d-dawl tagħha, mal-parti nferjuri tal-istess knisja. Għax il-perit ried li min jidħol fiha jieħu mill-ewwel l-idea li qegħda tfakkar qabar ta' bniedem qaddis, li kien iddestinat biex iqum għall-ħajja ta' glorja. U dan il-ħsieb ikompli jissaħħaħ bit-taqsim tal-koppla f'karrettuni mil-lewn id-deheb b'ġo fihom imnaqqxa ħamiem qed jittajjar qalb il-friegħi ta' lewż iwarrad bħal erwieħ irxuxtati fit-titjir tagħhom lejn is-sema. Fis-santwarju hemm tliet altari. Fuq dak tan-nofs fl-arzella hemm mużajk kbir li juri 'l Ġesù filwaqt li fit-taħdita ma' Marta qed itenni: "Jiena hu l-qawmien u l-ħajja" (Ġw. XI, 25) u l-altar għandu faċċata sabiħa tal-irħam skolpita minn Mistruzzi. Fuq l-altar tan-naħa tal-lemin, li għandu forma ta' qabar hemm imnaqqxa x-xbieha ta' Marija, u fl-arzella hemm mużajk ieħor li juri l-qawmien mill-imwiet ta' Lazzru u hemm din il-kitba: "Missier biex jemmnu li Int bgħattni". Malli qal dan, għajjat b'leħen qawwi: "Lazzru, ejja barra" (Ġw. II, 43-44). L-altar tan-naħa tax-xellug li, bħal ta' qablu għandu forma ta' qabar, f'nofsu x-xbieha ta' Marta, għandu flarzella tiegħu mużajk li juri t-taħdita ta' Ġesù ma' Marija u Marta fid-dar ta' Betanja bil-kitba: "Qalilha l-Mulej: 'Marta, Marta, tinsab imħabbta fuq ħafna ħwejjeġ' " (Lk. X, 41). Ma' ġenb il-knisja hemm kampnar kbir.

Kemm għandna għax inkunu rikonoxxenti lejn il-Kustodja tal-Art Imqaddsa li qegħda b'ħidma u sagrifiċċji kbar tfittex, tikseb, iżżomm u żżejjen dawn il-postijiet imqaddsa imfakkra fil-Vanġelu. Biss min kellu x-xorti jarahom jaf x'konsolazzjonijiet ta' ħlewwa spiritwali titnissel fil-qalb ta' min jemmen u jħobb.

P. MIKIEL CATANIA, O.F.M.